MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2002

Numru. 105/2002
Kawza Numru. 32

**Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)
- vs -
George Cini ta' 44 sena bin Micheal u Rita nee Camilleri li joqghod 'Arcadia', Triq Sir Paul Boffa, Victoria , Ghawdex.
(Karta ta' l-Identita` Nru 2008425 P)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli nhar it-28 ta' Frar 2002 bejn is-7:20 p.m. u l-10:30 p.m. fi Triq Sir Paul Boffa, Victoria, 1) ezercita s-sengha ta' mechanic tal-vettura minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija 2) talli fl-istess data jew fil-granet ta' qabel, tefa', waqqa' jew iddepozita jew talli halla spare parts ta' vetturi, oggetti ohra u anki zjut jaqghu jew jitpoggew fi Triq Sir Paul Boffa, Victoria u ghalhekk f'post pubbliku jew li l-pubbliku ghandu

access ghalih minghajr hlas b'tali cirkustanzi li seta' jikkawza jew igieghel li jithassar post fil-miftuh, 3) talli fit-28 ta' Frar 2002 jew fil-granet ta'qabel din id-data halla jixxerred jew ippermetta li jixxerred fi Triq Sir Paul Boffa, Victoria, zejt tal-vetturi u ghalhekk ghamel l-istess triq tizloq u ddellek, 4) u aktar talli fl-istess data jew perjodu ta' zmien qabel, ingombra parti minn Triq Sir Paul Boffa, Victoria, u l-bankina fl-istess triq bl-istess oggetti u dan bi xkiel, b'inkomdu bi hsara jew b'periklu ta'nies ohra 5) bil-lejl kiser il-mistrieh tal-girien bi storbju 6) talli naqas li jobdi l-ordnijiet leggittimi tal-Pulizija. Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-Artiklu 377 (3) tal-Kap 9.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 181, 188 (1) (a) u 40 (j) tal-Kap 10 u 338 (m) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda komplessiva ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------